15.11.2023 A9-0319/361

**Emenda 361**
**Pietro Fiocchi, Nicola Procaccini**
f'isem il-Grupp ECR

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – titolu**

| *Text proposed by the Commission* | *Emenda* |
|---|---|
| Restrizzjonijiet fuq l-użu ta' ċerti formati tal-imballaġġ | Restrizzjonijiet fuq l-użu ta' ċerti formati tal-imballaġġ ***li ma jistgħux jerġgħu jintużaw jew li jkunu magħmula minn materjali rinnovabbli*** |

Or. en

15.11.2023 A9-0319/362

**Emenda 362**
**Pietro Fiocchi, Nicola Procaccini**
f'isem il-Grupp ECR

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 3**

| *Text proposed by the Commission* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw lill-operaturi ekonomiċi ***mill-punt 3*** tal-Anness V jekk jikkonformaw mad-definizzjoni ta' mikrokumpanija f'konformità mar-regoli stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361, kif applikabbli fi [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], u fejn ma jkunx teknikament fattibbli li ma jintużax l-imballaġġ jew li ***jinkiseb aċċess għall-infrastruttura li hija meħtieġa għall-funzjonament ta' sistema ta' użu mill-ġdid.*** | 3. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw lill-operaturi ekonomiċi ***mill-punti 3 u 4*** tal-Anness V jekk jikkonformaw mad-definizzjoni ta' mikrokumpanija f'konformità mar-regoli stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361, kif applikabbli fi [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], u fejn ma jkunx teknikament fattibbli li jew li ma jintużax l-imballaġġ jew li |

Or. en

15.11.2023 A9-0319/363

**Emenda 363**
**Pietro Fiocchi, Nicola Procaccini**
f'isem il-Grupp ECR

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28a (ġdid)**

| *Text proposed by the Commission* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Article 28a*** |
| | ***Artikolu 28a (ġdid) Obbligi b'rabta ma' mili mill-ġdid u materjali rinnovabbli għas-settur tat-take-away*** |
| | ***Sal-1 ta' Jannar 2030:*** |
| | ***(a) id-distributur finali li fit-territorju ta' Stat Membru jqiegħed fis-suq, fl-imballaġġ għall-bejgħ, xorb kiesaħ jew sħun li jimtela f'kontenitur fil-punt tal-bejgħ għal take-away għandu jew:*** |
| | ***(i) jiżgura li x-xorb ikun disponibbli f'imballaġġ riċiklabbli magħmul minn materjali rinnovabbli; inkella*** |
| | ***(ii) jipprovdi sistema għall-konsumaturi biex iġibu l-kontenitur tagħhom stess biex jimluh;*** |
| | ***(b) id-distributur finali li jkun qiegħed iwettaq l-attività kummerċjali tiegħu fis-settur tal-HORECA u li fit-territorju ta' Stat Membru jkun qed iqiegħed fis-suq, fl-imballaġġ għall-bejgħ, ikel ippreparat lest għal take-away, maħsub għall-konsum immedjat mingħajr il-ħtieġa ta' kwalunkwe preparazzjoni ulterjuri, u tipikament ikkonsmat mir-reċipjent, għandu jew:*** |
| | ***(i) jiżgura li l-imballaġġ kollu li jintuża darba biss ikun riċiklabbli u magħmul minn materjali rinnovabbli u fil-każ tal-imballaġġ tal-ikel li jintuża darba biss*** |



Magħquda fid-diversità

***għall-kondimenti li jkun imballaġġ kompostabbli magħmul minn materjali rinnovabbli; inkella***

***(ii) jipprovdi sistema għall-konsumaturi biex iġibu l-kontenitur tagħhom stess biex jimluh.***

Or. en

15.11.2023 A9-0319/364

**Emenda 364**
**Pietro Fiocchi, Nicola Procaccini**
f'isem il-Grupp ECR

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28b (ġdid)**

| *Text proposed by the Commission* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Article 28b*** |
| | ***Artikolu 28b (ġdid) Obbligi b'rabta ma' offerta ta' mili mill-ġdid u materjali rinnovabbli għas-settur tat-take-away*** |
| | ***1. Sal-1 ta' Jannar 2030, id-distributur finali li jkun qed iwettaq l-attività kummerċjali tiegħu fis-settur HORECA u li fit-territorju ta' Stat Membru jkun qed iqiegħed fis-suq, f'imballaġġ għall-bejgħ, xorb kiesaħ jew sħun li jimtela f'kontenitur fil-punt tal-bejgħ għal take-away għandu jew:*** |
| | ***(a) jiżgura li x-xorb ikun disponibbli f'imballaġġ riċiklabbli magħmul minn materjali rinnovabbli; inkella*** |
| | ***(b) jipprovdi lill-konsumaturi bl-għażla ta' imballaġġ f'sistema għall-użu mill-ġdid.*** |
| | ***2. Id-distributuri finali għandhom jinfurmaw lill-konsumaturi finali fil-punt tal-bejgħ, permezz ta' tabelli jew sinjali ta' informazzjoni li jidhru u li jistgħu jinqraw b'mod ċar, dwar il-possibbiltà li jiksbu l-prodotti f'imballaġġi li jistgħu jerġgħu jintużaw.*** |
| | ***3. Id-distributuri finali għandhom joffru l-prodotti li jimtlew f'imballaġġ li jista' jerġa' jintuża mingħajr kostijiet ogħla, u f'kundizzjonijiet mhux anqas favorevoli mill-unità tal-bejgħ li tikkonsisti mill-istess prodotti u l-imballaġġ li jintuża*** |


Magħquda fid-diversità

***darba biss.***

***4. Id-distributuri finali għandhom ikunu eżentati mill-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu jekk jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' mikrointrapriża stabbilita fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE.***

Or. en

15.11.2023 A9-0319/365

**Emenda 365**
**Pietro Fiocchi, Nicola Procaccini**
f'isem il-Grupp ECR

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 45 – paragrafu 2 – punt c**

| *Text proposed by the Commission* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) ir-rekwiżiti fuq id-distributuri finali biex iqiegħdu għad-dispożizzjoni, fl-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża fi ħdan sistema għall-użu mill-ġdid jew permezz tal-mili mill-ġdid, ċertu perċentwal ta' prodotti oħra għajr dawk koperti mill-miri stabbiliti fl-Artikolu 26 bil-kundizzjoni li dan ma jwassalx għal distorsjonijiet fis-suq intern jew f'ostakli kummerċjali għall-prodotti minn Stati Membri oħra. | (c) ir-rekwiżiti fuq id-distributuri finali biex iqiegħdu għad-dispożizzjoni, fl-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża fi ħdan sistema għall-użu mill-ġdid jew permezz tal-mili mill-ġdid, ċertu perċentwal ta' prodotti oħra għajr dawk koperti mill-miri stabbiliti fl-Artikolu 26 ***jew dawk koperti mir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 28a jew 28b*** bil-kundizzjoni li dan ma jwassalx għal distorsjonijiet fis-suq intern jew f'ostakli kummerċjali għall-prodotti minn Stati Membri oħra. |

Or. en

15.11.2023 A9-0319/366

**Emenda 366**
**Pietro Fiocchi, Nicola Procaccini**
f'isem il-Grupp ECR

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 45 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Text proposed by the Commission* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Minkejja l-paragrafi 1 u 2 ta' hawn fuq, l-Istati Membri ma għandhomx jadottaw miżuri li jirrikjedu li d-distributuri jipprovdu sistema ta' użu mill-ġdid jew sistema ta' milli mill-ġdid jew għal xorb kiesaħ inkella għal xorb sħun li jimtela f'kontenitur fil-punt tal-bejgħ għal take-away jew għal ikel ippreparat lest għal take-away, maħsub għall-konsum immedjat mingħajr il-ħtieġa ta' kwalunkwe preparazzjoni oħra, u tipikament ikkonsmat mir-reċipjent.*** |

Or. en



Magħquda fid-diversità